**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 29 t'Ottubru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Supt. Antonello Grech)**

**-vs-**

**Nazzareno magħruf bħala Rennie Azzopardi, detentur tal-Karta tal-Identita' 564361M**

*Kumpilazzjoni Nru.1322/2012*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nazzareno magħruf bħala Rennie Azzopardi, u ċioè talli:

F'diversi dati u ħinijiet differenti matul is-sena 2011, fis Swatar limiti ta' Birkirkara, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, magħmula b'riżoluzzjoni waħda u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi:

1. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju jew b'mod li jkun jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju għal persuna ta' Pierre Bonnici.
2. Ġab ruħu b'mod li kkaġuna lil Pierre Bonnici jibża' li ser juża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu.

3. Bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Pierre Bonnici inġurjah u weġġħu bi kliem u ġesti.

4. Ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Pierre Bonnici liema offiża ġabet marda tal-moħħ li damet għal tlettin ġurnata jew iżjed, inkella għal daqsekk żmien żammet lil offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu.

5. Bħala impjegat ta fastidju lil impjegat ieħor bi ksur tal-Artikolu 29 tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni skond l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fis-16 ta' Jannar, 2018.

Ikkunsidrat:
Is-**Supretendent Antonello Grech** xehed kif ircieva kwerela tal-parte civile, Pierre Bonnici, fejn gie allegat li meta kien ikun fuq il-post tax-xoghol l-imputat kien jghidlu kliem dispreggativ bhal *"ix-xitan iz-zopp"*. Kagun ta' dan l-agir Bonnici spicca f'depressjoni w hareg b'sick leave ghal 90 jum.[1]

Fl-istqarrija li ttiehdet lill-imputat dan innega li kien ghamel xi forma ta' *harassment* lil Bonnici jew li heddu. Ghalkemm f'Marzu tal-2012 gie trasferit fuq ix-xoghol, tali transfer ma kellu l-ebda rabta ma dan il-kaz.[2]

[1] Fol.15
[2] Fol.20

Illi **Dr. Mario Rizzo Naudi** xehed li hu kien mgharraf mill-APS biex jezamina impjegat taghhom, Bonnici. Peress li kkonstata li *kellu 'reactive depression'* (u cioe` meta taqbdek depression minhabba xi haga li ddejjqek),[3] rreferieh ghand psikjatra.[4] Wara li saru zewg board meetings flimkien mal-psikjatri, rrizulta li Bonnici *"dahal ghax-xoghol kuntent, u business as usual."*[5]

Illi **Pierre Bonnici** xehed kif l-imputat kien jizzufjetta bih quddiem impjegati ohra tal-bank APS fejn kien jahdem minhabba li ma jimxix sew. Ippersegwitah ghal sitt xhur jghidlu kliem bhal *"ix-xitan iz-zopp"* u li kien hemm min hu *"mielah"* ghax hu ma kellux tfal.[6] Lejn l-ahhar ta' Dicembru, 2011, hassu hazin wara sensiela ta' kummenti simili minn naha tal-imputat li anke kien iwaqqghu ghac-cajt mal-assistenti tieghu, u ddecieda li jirraportah lil Head of Advances, Edward Calleja.[7] Hareg fuq *sick leave* izda rritorna x-xoghol fis-26 ta' Marzu, 2012[8] wara li kien segwit regolarment minn Dr. David Cassar fejn kien qed jiehu kura addatta. Mistqosi jispjega x'offiza gravi garrab jghid *"li jiena ma stajtx nibqa nahdem gewwa l-APS Bank. Ghaliex gie jirredikolani."*[9] Spjega kif fil-bidu kienu hbieb izda f'Novembru, 2010, heddu meta qallu jiehu hsieb il-mara u d-dar.[10] Semma wkoll kif fl-2013 kien gie infurmat li giet ordnata kuruna tal-mejtin ghall-martu, meta dan ma kienx minnu.

Il-Qorti tirrileva li l-akkuzi jirrisalu ghal "matul is-sena 2011" u ghalhekk dawn l-episojdji <u>ma jincidux fuq dawn l-akkuzi</u>.

Jiddeskrivi l-agir tal-imputat *"Hu kien ihares lejja, jaghfas il-ponn u jghidli isma, x-xitan iz-zopp minghajr ma jsemmi ismijiet"* u tali sitwazzjoni damet minn Gunju sa Dicembru, 2011.[11] Bonnici jghid li kien ijbati minn *muscular dystrophy* u b'hekk kien jimxi zopp. Meta dahal il-bank l-imputat tant gabu konxxju tal-mixja tieghu li mar l-Ingilterra biex

[3] Fol.26
[4] Fol.24
[5] Ibid.
[6] Fol.29
[7] Fol.31-32
[8] Fol.33
[9] Fol.35
[10] Fol.36
[11] Fol.40

jaghmel *prosthesis*.[12] In kontro-ezami jikkonferma li tul is-sitt xhur li semma' li kien qed jigi *harassed* rapport wiehed biss ghamel f'Jannar, 2012. Zied li kien jibza mill-imputat *"Hu stess qalli sewwa, li hu kien vjolenti. Li hu biex jaghti xi daqqa ta' ponn lil xi had, xejn ma jrid…kont nghaddi minn hdejh, johrogli saqajh biex jipprova jwaqqani"*[13] Lejn l-ahhar tal-kontro-ezami tieghu jistqarr li ma rraportahx mal-manager peress li kien ma riedx li jitkecca u b'hekk jitlef l-impjieg.[14]

Illi **Dr. David Cassar** xehed li Bonnici *"kien fi stat ta' ansjeta' qawwija konsiderevoli hafna, li mal-ewwel kelli nibdielu terapija farmakologika, minhabba l-ansjeta', u t-terapija li bdejtlu ma' kienetx terapija mill, dik li ahna nikkunsidrawha hafifa, imma uzajt certi antidepressant li jghinu lil ansjeta' bhal Bendodiazepines, dawk li nghidulhom kalmanti. U r-raguni li kelli bzonn kalmanti kien l-istat ta' ansjeta' tieghu, kienet qawwija ferm, f' kuntest trawmatiku u fejn kien qed ihossu trawmatizzat b' mod qawwi, minn kollega fuq ix-xoghol. kellu anzjeta` kbira… kien hemm zminijiet fejn kellu jieqaf mix-xoghol imma fil-bidu meta rajtu fil-bidu, m' ghidtlux jitlaq mix-xoghol, jew johrog mix-xoghol, imma kelli ntih kura qawwija, kelli nohrog certifikati ripetutament."*[15] Bonnici baqa' taht il-kura tal-psikjatra Cassar li jkompli *"Il-kundizzjoni tieghu baqghet hazina ghal zmien twil, ghax peress li baqa' jmur ix-xoghol, fejn kien hemm persuna ohra li kien jaghrfu bhala persuna li lilu kien jittrawmatizzah, l-intensita' tad-distress tieghu fuq ix-xoghol, minhabba li baqa jiltaqa ma' dik l-istess persuna, f' kuntest ta' dak li ahna nghidulu post traumatic stress disorder, u traumatic stress disorder, l-ansjeta' tieghu baqghet hemm b mod konsiderevoli tul is-snin. U jekk inhares lejn ir-rekords tieghi, jiena kelli nzid il-medicina tul is-snin….. U ghal ewwel sena kien ikolli nzid il-medicina biex insib doza bizejjed biex nghinu. Kien hemm incident partikolari fejn kien sar ferm izjed anzjuz, u niftakar kienet meta l-familja kienu rcevew kuruna tat-tip li kienet wiehed juza go funerali. Xi haga li ma' nistax niftakar id-dettalji, imma kienet xi haga simili. U hemm hekk kien rega sar anzjuz hafna. Ghadu sal lum fuq il-kura. F' dawn it-tlett (3) snin, ghadu qatt ma' waqqaf il-kura….. Phsycological il-persuna ghandu post traumatic stress disorder… Minkejja li huwa normali, ghandu dizabbilta'. M' ghandux handicap, ghax huwa kapaci jiffunnzjona f' kollox, pero' dizabbilita' ghandu….. jghidli li wahda*

[12] Fol.42
[13] Fol.47
[14] Fol.48
[15] Fol.53-54

*mill-affarijiet li l-persuna li kien jittrawmatizzah, kien jghajjru li huwa zopp. ....Li niftakar hu li kien jghidlu li qalli, li huwa mielah."*[16]

Il-Psikjatra Cassar jaghmel osservazzjoni li l-qorti ma tistax tinjoraha *"peress li Pierre Bonnici kellu din id-dizabbilita' minn meta kien tifel zghir, zgur kien hemm esperjenzi, zminijiet, fejn gewwa l-iskola kienu jinkuh, bilfors ghex sitwazzjonijiet difficli minhabba d-disabbilita' tieghu. Minkejja dan is-Sur Bonnici, qatt ma' kellu bzonn ghajnuna psikjattrika qabel ma' gie ghandi f'Jannar tat-two thousand and twelve (01/2012). Jigifieri l-fatt li kellu esperjenzi difficli u ghexhom u ghelibhom, juruna li s-Sur Bonnici intrinsikament kien persuna integru, san, healthy, kapaci jkun resiljenti ghall-hajja. Kapaci jirrezizti diffikultajiet fil-hajja, imma l-fatt li dan kien tant anzjuz, sar tant anzjuz, meta gie jarani. Il-problemi kienu ilhom ghaddejin. Kienu ilhom ghaddejin izjed minn sena meta wasal biex jarani. Kien hazin daqshekk, ghalija dak jirriffletti li ghalih personali l-esperjenza kienet trawmatika hafna. ….. l-haga li l-aktar kien trawmatizzat biha, ma' kienetx l-esperjenza tal-Qorti, l-izjed, imma l-esperjenzi personali li ghadda minnhom."*[17]

**Dr. Raymond Grixti** xehed li ezaminha lil Bonnici li tarraflu l-problema li kien qed jiskontra fuq ix-xoghol fejn kollega tieghu kien qed jghaddi minn hdejh u filwaqt li jhares lejh jghaddi kummenti *"x-xitan iz-zopp u mielah"*.[18] Dan wassal lil Bonnici ghall-stat ta' ansjeta` kbira tant li *"rajt li dan inbidel, kompletament. Sar ragel withdrawn, depressed, anzjuz, bezghan johrog minn daru, anke tilef l-interess fil-hajja, fis-sens li tilef l-aptit, jinfaqa jibki, kellu biza' ta' x' ser jigri fil-futur, tilef is-self esteem, u anke kissritu. Fi ftit kliem hu sar bniedem kompletament li ma'sirtx naf lil Mr. Bonnici qabel hekk…..Mr. Bonnici apparti problemi medici ohrajn, li ser insemmihom, ibati minn kundizzjoni jghidulha muscular dystrophy, distrofija muskulari, fejn izappap miz-zewg riglejn, ghaliex ghandu bilateral footdrop. Din, il-kumment li kien qed jghaddilu din il-persuna, gabitu hafna konxju ta' din il-problema. U kidditu hafna, u anke fnietu…. Fil-fatt kien ikollu anke certifikati medici mahruga mit-tobba tax-xoghol, fejn jistataw dan il-fatt, ta' depression, ghaliex wara, gara illi dan il-persuna kien imur ix-xoghol fejn Mr. Bonnici, u anke l-presenza tieghu, lil Mr. Bonnici kienet tittrigerjalu ansjeta' kbira u dwejjaq, u frustazzjoni minhabba l-fatt li kienet tfakkru x' kien jghidlu din il-persuna, ix-xitan iz-zopp u mielah. Il-fatt li dan kien ikun prezenti biss, kien jistatalu u jikkawzalu ansjeta' kbira. U jerga jwaqqghu down. Eventwalment, Mr. Bonnici*

---

[16] Fol.55-58
[17] Fol.59-61
[18] Fol.64

*kellu johrog bis-sick leave, hareg bis-sick leave, u meta rega dahal lura, eventwalment tant kien demoralizzat, imkisser u hassu hopeless u helpless, illi eventwalment kellu jirrizenja mix-xoghol."*[19] Gew esebiti ukoll kopji ta' certifikati medici mahruga mix-xhud.

Illi **Gabriella Cuschieri** xehdet kif Bonnici kien il-bankier taghha u kien fetah qalbu maghha li kellu xi problem izda ma kienitx taf x'kienu. Wara li kellha bzonn taghmel kuntatt mieghu u ma sabitux il-bank cemplitlu fuq il-mobile u ltqaet mieghu. Sabet *"a broken man"* li qalilha li kien hemm persuna fuq il-post tax-xoghol li qed itih fastidju.[20] Kienet ilha tafu mill-2004 u l-kmbjament kien wiehed gradwali imma fl-ahhar inbiddel tant li ssorprendiha. Pierre Bonnici kien stqarr li dik il-persuna li kienet qed tiffastidjah kien jismu Rennie.[21] Ix-xhieda ta' Cuschieri tammonta biss ghal *hearsay* u sservi biss sabiex turi l-istat li kien waqa' fih Bonnici.

Illi **Jordie McKay**, supervisor fi hdan il-Commercal Banking Unit mal-APS Bank xehed li Bonnici u Azzopardi kienu managers. Kienu lkoll f'ufficju wiehed[22] u ma kienux jitkellmu bejniethom.[23] **McKay jghid li kien jisma lill-imputat jghid *"Ix-xitan iz-zopp. Ix-xitan iz-zopp."*[24]** Ghalkemm fil-bidu ma kienx assocja dawn il-kliem ma xi haga, wara assocjaha ma Pierre li rah qed jiddejjaq b'dawn il-kummenti. Meta tkellem mieghu Bonnici qallu li kien qed jigi mghajjar.[25] Ftakar li bejn Dicembru, 2011 u Marzu, 2012 ma ressaqx lejn ix-xoghol.[26] Meta Bonnici rritorna ghax-xoghol Azzopardi kien mar f'dipartiment iehor. In kontro-ezami kkonferma li hu wasal ghall-konkluzjoni li Azzopardi kien qed jghid il-kliem dispreggativ dwar Bonnici izda mhux ghax rah jipponta lejh *"La sinjal u lanqas isem ma' kien hemm"*. McKay jiddikjara li l-kliem *"x-xitan iz-zopp"* semmghhom biss minghand l-imputat aktar minn darba u zied li Bonnici lanqas semma min kien qed jghajjru.[27]

---

[19] Fol.64-66
[20] Fol.83
[21] Fol.85
[22] Fol.96
[23] Fol.94
[24] Fol.99
[25] Fol.101
[26] Fol.102-103
[27] Fol.103-104

Illi **Stephen Caruana**, supervisor mal-APS, li kien jahdem fl-istess kamra mal-imputat u Bonnici xehed li fil-bidu dawn it-tnejn kellhom relazzjoni tajba bejniethom.[28] Id-desk tieghu kienet bejniethom u **kien jisma lill-imputat jghid kliem bhal *"ix-xitan iz-zopp"*; meta kien ihares lejn Bonnici dan kien jidher *"qisu qed jinqaras. B'dak il-kliem."*.** Kliem iehor kien *"mielah….Qalhom kemm il-darba"*.[29] Mill-kontro-ezami johrog dettal mhux insinifikanti u cioe` li fiz-zmien li Bonnici kien fuq *sick leave* Azzopardi ma baqax jghid il-kliem *"ix-xitan iz-zopp"*. Azzopardi kien anke jghid *"parole parle parole"* u Bonnici meta kien jisma' dan ma kienx jiehu pjacir bihom.[30] Izid li Azzopardi kien juza dan il-kliem meta kien qed ikellem lill-kollegi tieghu.[31] Ghalkemm il-kliem ma gewx indirizzati minn Azzopardi lil Bonnici deher cjar li Bonnici kien qed jiddarras meta jisma' dak il-kliem li *"kienu jintqalu b'vuci gholja…kien jitkellem ma kollegi ohrajn u jghid dan ilp-kliem"*.[32]

Illi **Dr. Andrew Borg Cardona** esebixxa numru ta' dokumenti li jirrigwardaw l-ilmenti tal-parte civile. Fosthom hemm apologija da parti tal-imputat li konsegwentement wasslet lill-bank iqis il-kwistjoni bhala maghluqa.[33] Riprodott ix-xhud jikkonferma li ma kien hemm ebda struzzjonijiet mahruga mill-bank li kienu jwaqqfu lill-imputat milli jersaq lejn xi parti tal-bank. F'*email* kkonfermata minnu mibghuta lill-Pulizija, l-bank jiddikjara li Azzopardi ma kien gie punit bl-ebda mod.[34]

Illi Memorandum datat is-27 ta' Jannar, 2012 redatt minn **Edward Calleja** u li gie konfermat minnu[35] meta xehed f'dawn il-proceduri, *inter alia* jsemmi li Azzopardi rrikonoxxa li kien qal certu kliem indirizzati lejn Bonnici u dan kkonstatat peress li ***"RA's body language confirmed that such comments were made by nodding his head.*** *He hastened to add that PB has been bothering him for quite some time since he joined CBU and he could not take it anymore."*.[36] Fil-fatt Edward Calleja jixhed li sar jaf bl-inkwiet bejn Azzopardi u Bonnici fit-22 ta' Dicembru, 2011, meta Bonnici

---

28 Fol.115
29 Fol.118
30 Fol.121
31 Fol.123
32 Fol.126
33 Fol.146-147
34 Fol.214
35 Fol.186
36 Fol.151

nfurmah li Azzopardi kien qed jghaddilu kummenti bhal *"ix-xitan iz-zopp"* u *"mielah"*.[37] Azzopardi kien innega li qal dawn il-kliem izda x-xhud jghid li mill-*body language* tieghu kkonstata li setghu saru, filwaqt li zied li Bonnici kien qed jghaddi xi kummenti fir-rigward tieghu wkoll.

Illi Calleja kien pprova jlaqqa' liz-zewg partijiet fejn Azzopardi laqa' l-istedina biex isir dan il-meeting rikonciljatorju. Bonnici ried l-ewwel jiehu parir mediku dwar jekk kellux jattendi dan il-meeting. Fis-6 ta' Jannar, 2012 cemplet martu li nfurmatu li l-parir kien li Bonnici ma jattendix.[38] Fil-memorandum tieghu jsemmi li kien hemm certu riluttanza da parti ta' Bonnici li jiltaqa ma Azzopardi *"as he did not want to face RA"*.[39] Jinghad li Stephen Caruana, li anke xehed f'dawn il-proceduri, ikkonferma mieghu dak li Bonnici kien qed jallega.[40]

Illi **Marita Bonnici**, mart il-parte civile, xehdet u spjegat kif fil-gimgha tal-Milied tal-2011, zewgha rritorna mix-xoghol jibki u nkwetat ghaliex kien qed jigi *"mghajjar u mkisser psikologikament"* minn Rennie Azzopardi.[41] Kellu jiehu kura taht Dr. David Cassar u dam tlett xhur fuq sick leave. Bonnici gie mwieghed mill-bank li Azzopardi kien se jigi trasferit u din fil-fatt kienet anke rikjesta mill-psikjatra tieghu u cioe` li ma jmurx jahdem fejn hemm Azzopardi.[42]

Illi **Nazzareno Azzopardi** ghazel li jixhed u rrakonta kif kien ilu jaf lil Bonnici meta kienu l-iskola flimkien. Kellu rispett kbir lejh ghax kien akkademikament istruwit u kien iqisu *"a close friend"*. Kellhom relazzjoni tajba bejniethom anke fuq ix-xoghol izda mbghad Bonnici beda jirrepeti certu diskors fuqu tant li hass il-htiega li jkellem lil Noel Mcarthy li kien ufficjal gholi fil-bank. Dan sehh fl-2010. Il-kliem li kien jintqal minn Bonnici kien rigward kundizzjoni fizika fejn kellha titnehha testikola *"qalli ilbistha t-tanga llum, irrid naghmillha pouch il-bajda u jiena dak il-hin tiksah…..'sejjer jiccekja l-bajda'"*.[43] Jghid li dan il-kliem intqal fuq medda ta' sentejn u nofs u wasslu biex jibda jbati minn *severe depression* minhabba l-kliem li kien jghidlu Bonnici *"qomt bil-bajda mdawwra, cempel lill-klijent u*

[37] Fol.181-182
[38] Fol.184
[39] Fol.153
[40] Fol.149
[41] Fol.189
[42] Fol.191
[43] Fol.198

*ghidlu li ghandi bajd tal-hadid imbaghad bajd tiela' u bajda niezla"*.[44] Tant ried jitlaq minn fejn kien jahdem li kien lest jiehu *demotion* u jithallas b'paga anqas. Ma ttiehdu l-ebda passi fil-konfront tieghu izda kien baghat ghalih Noel Mcarthy fil-presenza tal-Avukat Andrew Borg Cardona u nfurmawh li Bonnici allega li hu beda jghid kliem dispreggattiv fil-konfront tieghu. Wara li kiteb ittra ta' apologija lil Bonnici, l-bank ma hax passi ulterjuri.

In kontro-ezami jghid li qatt ma uza kliem dispreggativ versu Bonnici u jekk uza l-espressjoni *"ix-xitan iz-zopp"* din kienet intiza ghal xi klijent.[45] Jammetti li ma kien hemm ebda raguni ghaliex xhieda bhal Caruana u Mckay kellhom jghidu li semghu dak id-diskors, izda jikkontendi li dak il-kliem kien jghidu bhala parti minn konversazzjoni[46] jew meta jirreferi ghal xi klijent izda *"Jiena mkien ma ridt nirreferi ghal Pierre Bonnici"*.[47] Jinghad mill-ewwel li l-Qorti ma temminx il-verzjoni li prova jpingi l-imputat. Mhemmx dubbju li l-kliem dispreggattiv intqal minnu u kien indirizzat ghal had ghajr Bonnici!

Illi **Leo Busuttil** xehed kif fl-2011 kien jirraporta lil Azzopardi meta kienu jahdmu fl-istess ufficju anke ma Bonnici. Fil-bidu kellhom relazzjoni tajba u rispettuza izda spiccaw ma jarawx ghajn m'ghajn. Qatt ma sema' tghajjir jew diskors dispreggativ.[48] Jghid li Bonnici kien jiehu kwistjonijiet fuq xoghol b'mod personali, kien johodhom hazin.[49] Ghalkemm kienu fil-vicinanzi ta' xulxin u l-kliem li jintqal jinstema' issotni li qatt ma semma kliem jinghad minn Azzopardi u Bonnici fil-konfront ta' xulxin u lanqas sema l-kliem li gja saret riferenza ghalih f'dawn l-atti.[50]

Illi **George Gauci** li kien jahdem fl-istess ufficju, jikkoncedi li gieli sema' lil Azzopardi jghid kliem *"x-xitan iz-zopp"* izda ma jistax jikkonferma li kien qed jirreferi ghal Bonnici.[51]

---

[44] Fol.199
[45] Fol.202
[46] Fol.203
[47] Fol.206
[48] Fol.219
[49] Fol.221
[50] Fol.225-227
[51] Fol.237

Illi **Dr. Anthony Dimech** xehed li f'Gunju, 2013, kien irrikorra ghandu l-imputat minhabba hsibijiet u emozzjonijiet li kienu nibtu fih wara li fuq il-post tax-xoghol kienet isir riferenza ghal kundizzjoni medika tieghu fejn kien gie redikolat. Bdielu trattament ghal dipressjni u ansjeta`;[52] *"Significant distress tant li kienet qed tiffunzjonalu hu kif jiffunzjona u x'jaghmel fil-hajja socjali tieghu… l-peak taghha kien, kienet 2009, 2010, meta kien kollega tieghu li ripetutivament kien jinsultah u kien isemmilu din il-haga".*[53] In kontro-ezami jikkonferma li meta rah fl-2013 l-imputat semmielu li kien ghaddej minn xi proceduri l-qorti u li l-qofol tal-problema tieghu ntlahqet fl-2009.[54] Meta ezaminah l-imputat kien gja qed jiehu kura tant li ziedlu d-doza.[55]

Illi wara li l-Qorti qiset l-provi migbura tikkunsidra li huwa minnu li l-imputat kien juza' kliem dispreggativ fil-konfront ta' Bonnici. Certament min jghajjar b'mankament fiziku ikun qed jonqos serjament fic-civilita` mistennija f'socjeta` matura u responsabbli filwaqt li jizvesti ruhu mill-umanita` tieghu. Izda aktar minn hekk meta dan il-kliem jibda' jinghad konstantament u b'regolarita` dan jitqies bhala *pattern* ossia forma ta' kondotta li twassal sabiex persuna tigi harassed tant li hajjitha tinbidel u sahanistra titkisser. Dan m'ghandux ikun u lanqas ma jista' jigi skuzat jew tolerat!

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada:**[56]

> "Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:
>
> "L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu

[52] Fol.241
[53] Fol.242
[54] Fol.244
[55] Fol.245
[56] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

"*Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-

*"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef** il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) rriteniet is-segwenti:[57]

"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta'l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-*harassement* taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta'l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:

---

[57] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [17.02.2011].

… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…"* . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008**:

**"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"**

Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."

Fuq dan l-insenjament u mill-provi prodotti ma hemmx dubbju li l-agir tal-imputat jinkwadra ruhu bhala harassment kif ravvizat bl-artiklu 251A tal-Kodici Kriminali, izda mhux dak ravvizat bl-artiklu 251B tal-Kodici. Ma ngiebet l-ebda prova li kien hemm course of conduct tal-imputat fejn f'iktar minn okkazzjoni wahda, fiz-zmien msemmi l-akkuzi, ta x'jinfthiem li kienet ser tintuza xi forma ta' vjolenza fil-konfront ta' Bonnici jew martu!

Illi l-imputat jinsab mixxli wkoll bir-reat ta' offiza gravi volontarja. Kif sahqet id-difiza ma gie pruvat bl-ebda mod li l-imputat kellu l-*mens rea*

necessarja sabiex javvera ruhu dan ir-reat. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Shaun Demicoli**, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kienet qalet dan:[58]

Illi sabiex jissusisti ir-reat ta' l-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "**Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu.**" (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid:

"**the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law).** Izda imbaghad izid: **"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply *in dubbio pro reo*.**"

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul u ikkonkludiet:

"**Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz.**" (sottolinjar tal-Qorti).

Illi ma gie pruvat bl-ebda mod li l-imputat kellu din l-intenzjoni generika. Madanakollu l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmen Rapinett** sostniet:

Din il-Qorti, fil-waqt li tikkoncedi li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tat il-beneficcju tad-dubju lill-appellata fuq jekk l-offizi kienux volontarji, ma tistax taqbel mal-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti meta skolpat pjenament lill-appellata anki mir-reat kompriz w involut ta' offizi involontarji ta' natura gravi kagjonati b' nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni da parti taghha bhala omm tal-minuri li kienet tkun wahedha d-dar maghha. …..

Illi ma hemmx dubju li taht is-sistema legali taghna il-koncett tal-prevedibilita' huwa determinanti biex tirradika ruha il-"*culpa"* jew eghmil negligenti li jwassal ghall-event dannuz, u li jekk l-event dannuz, ghalkemm mhux mixtieq u previst, seta' jigi previst, allura ikun hemm il-*"culpa"* li twassal ghar-responsabbilta' kriminali, ghax kif jghid il-CARRARA (Programma 84) : -

[58] Deciza 6 ta' Gunju, 2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

*"il non aver previsto la consequenza offensive sconfina la colpa dal dolo . Il non averla potuto prevedere sconfina il caso dalla colpa."*

u kif irriteniet il-Corte di Cassazione Taljana (13.V. 1907 , in Giust. Penale , 1907 , 772) :-
*"e' sempre il concetto della prevedibilita' dell' evento ...quello su cui si fondano , se non esclusivamente , almeno principalmente , e la teorica di diritto e il codice positivo nei reati colposi."*

(ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Lorenza Dimech"** [27.6.2002] fejn gew trattati l-obbligi ta' min jonqos li jissorvelja tfal zghar li jkunu fdati fil-kustodja tieghu.)

Ikkonsidrat;

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li ghall-inqas l-appellata Rapinett kellha tinstab hatja tar-reat kontinwat t' offizi gravi involontarji fuq il-persuna….

Illi dan l-insenjament isib applikazzjoni ghal kaz in dezamina. Bil-kondotta tieghu fil-konfront ta' Bonnici, l-imputat mhux talli kien qed jikkawza *harassment* izda iktar minn hekk wassal lil Bonnici biex jibda jbati minn anzjeta` kbira u sahansitra *traumatic stress disorder*.

Illi l-prosekuzzjoni tikkontendi li b'konsegwenza tal-kura li Bonnici nghata biex jikkumbatti din il-kundizzjoni, huwa gie mizmum milli jmur għax-xogħol tiegħu kif previst bl-artiklu 216(1)(d) tal-Kodici Kriminali u cioe` kkawza offiza gravi volontarja fuq Bonnici. Izda mill-atti migbura quddiemha l-Qorti ma tistax tasal li ssib li Bonnici inzamm milli jmur ghax-xoghol ghall-perjodu ta' tlettin jum jew izjed.

Fil-fatt ic-certifikati esebiti huma mahruga ghal hamest ijiem,[59] ghall-gurnata wahda tal-25 ta' Jannar 2013[60] u ghall-gimgha.[61] Ma giet prodotta l-ebda prova sal-grad mistenni mill-prosekuzzjoni, li minnha jirrizulta li ghal 30 gurnata shah – fil-perjodu ippostulat fl-akkuza u cioe` matul is-sena 2011 - Bonnici ma rraportax ghax-xoghol minhabba d-dipressjoni tieghu. **Ghalkemm kemm Bonnici u McKay[62] jghidu li Bonnici ma resaqx ghax-xoghol bejn Dicembru, 2011 u Marzu, 2012, ma gie prodott l-ebda certifikat mediku ghal dan il-perjodu, kif lanqas ma gew prodotti records mill-bank dwar in-nuqqas t'attendenza ghax-xoghol ghal perjodu ta' 30 jum shah mill-parte civile minhabba li kien certifikat bhala marid.**

---

[59] Bejn it-13 u t-18 ta' Settembru, 2012, fol.73;
[60]Ghall-25 ta' Jannar 2013 Fol.74
[61] Bejn il-11 u s-17 ta' Gunju, 2013, fol.78
[62] Fol.102-103.

Illi fil-fatt ic-certifikati mahruga mit-tabib Grixti jirraportaw dwar il-kundizzjoni ta' Bonnici izda ma jitfghu ebda dawl dwar kemm dik il-kundizzjoni kienet qed izommu milli jirraporta ghax-xoghol.[63] Fihom ma hemm xejn li jindika li Bonnici ma kienx qed jirraporta ghax-xoghol minhabba l-kundizzjoni li gie aflitt biha! Ghalkemm wiehed jista' jipprezumi li ghalhekk saru c-certifikat, fl-ambitu tal-kamp penali kull prova trid tilhaq grad ferm gholi – dak ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni. Il-fatt li f'Mejju, 2012[64] u f' Mejju, 2013[65] - meta skond Bonnici stess kien dahal lura ghax-xoghol f'Marzu, 2012 - inhargu certifikati ohra li jiddeskrivu l-andament u l-kura li kien qed jircevi Bonnici, l-istess bhal ma jaghmel ic-certifikat tas-16 ta' Frar, 2012, ihalli din il-qorti minghajr il-prova rikjesta biex tigi pruvata ir-raba imputazzjoni.

Anzi kif intwera mic-certifikati mahruga ghall-finijiet ta' impjieg f'kull kaz kienet qed tigi indikata data li fiha Bonnici kien ser ikun *"tajjeb ghax-xoghol"*. Anke skond it-tabib Grixti, minn zmien ghal zmien Bonnici kien jidhol ghax-xoghol ghalkemm jerga' jaqa' f'depressjoni ftit wara: *"Fil-fatt kien ikollu anke certifikati medici mahruga mit-tobba tax-xoghol, fejn jistataw dan il-fatt, ta' depression, ghaliex wara, gara illi dan il-persuna <u>kien imur ix-xoghol</u> fejn Mr. Bonnici, u anke l-presenza tieghu, lil Mr. Bonnici kienet tittrigerjalu ansjeta' kbira u dwejjaq, u frustazzjoni minhabba l-fatt li kienet tfakkru x' kien jghidlu din il-persuna, ix-xitan iz-zopp u mielah. Il-fatt li dan kien ikun prezenti biss, kien jistatalu u jikkawzalu ansjeta' kbira. U jerga jwaqqghu down. Eventwalment, Mr. Bonnici kellu johrog bis-sick leave, hareg bis-sick leave, u meta rega dahal lura, eventwalment tant kien demoralizzat, imkisser u hassu hopeless u helpless, illi eventwalment kellu jirrizenja mix-xoghol."*[66]

Dr. Cassar ukoll jghid hekk: "*kellu anzjeta` kbira… kien hemm zminijiet fejn kellu jieqaf mix-xoghol imma fil-bidu meta rajtu <u>fil-bidu, m' ghidtlux jitlaq mix-xoghol, jew johrog mix-xoghol</u>, imma kelli ntih kura qawwija, kelli nohrog certifikati ripetutament.*[67] *…….Il-kundizzjoni tieghu baqghet hazina ghal zmien twil, ghax peress li <u>baqa' jmur ix-xoghol</u>, fejn kien hemm persuna ohra li kien jaghrfu bhala persuna li lilu kien jittrawmatizzah, l-intensita' tad-distress*

---

63

64 Fol.72

65 Fol.76

66 Fol.66

67 Xhieda Psikjatra Dr. David Cassar Fol.53-54

*tieghu fuq ix-xoghol, minhabba li baqa jiltaqa ma' dik l-istess persuna, f' kuntest ta' dak li ahna nghidulu post traumatic stress disorder, u traumatic stress disorder, l-ansjeta' tieghu baqghet hemm b mod konsiderevoli tul is-snin."*[68] Minn naha tieghu Dr. Rizzo Naudi jghid li wara li saru zewg board meetings flimkien mal-psikjatri, rrizulta li Bonnici *"dahal ghax-xoghol kuntent, u business as usual."*[69]

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi migbura u mill-insenjament appena enuncjat il-Qorti tista' tasal biss biex isib li Azzopardi kkawza offiza hafifa involontarja fuq Bonnici kawza tal-komportament deplorevoli tieghu li kif inghad jinkwadra taht l-artiklu 251A tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tal-akkuzi li qed tintsab htija dwarhom, tal-fedina penali netta tal-imputat u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom tal-apologija li saret mill-imputat sa minn Frar, 2012, u tal-fatt li dan il-kaz jirrisali ghal 2011.

Illi fir-rigward tal-ewwel, tar-raba u tal-hames akkuza japplika l-principju ta' konkors formali ta' reati, bil-piena l-aktar severa tkun dik ravvizata bl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali.

Illi ghalkemm ir-reat sehh fiz-zmien meta kien fis-sehh l-artiklu 252 tal-Kodici Kriminali, bl-***Att XI tal-2018***, il-kondotta ravvizata b'dak l-artiklu ma baqghetx sanzjonata bhala reat. Issir riferenza ghad-decizjoni fuq eccezzjonijiet preliminari tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniel Felice**:[70]

Ghaldaqstant stante li l-imputazzjoni li kien originarjament akkuzat biha, illum il-gurnata ma ghadhiex tikkostitiwixxi reat, ghaliex in fatti l-artikolu tal-ligi in kwistjoni gie kancellat, ma jistax issa l-esponenti issa jigi misjub hati tieghu. L-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati ta' xi haga li fil-prezent ma tikkostitwixxix reat.

Jigi sottomess illi in linea mal-insenjament, *nullum crimen, nulla peona sine lege*, u tal-fatt illi meta jsiru emendi simili fil-ligi li jolqtu l-aspett sostantiv u mhux procedurali tal-ligi, u tal-fatt illi f'kazijiet bhal kaz in kwistjoni, il-principji tal-gustizzja jiddettaw li ghandha tapplika l-ligi kif l-aktar ta' beneficcju ghall-akkuzat, l-esponenti ma jista' qatt jigi misjub hati tal-artikolu 24(2) tal-Kap 33 tal-Ligjiet ta' Malta, li llum huwa mhassar!

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 226(1)(c) u 251A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni,

---

[68] Fol.55

[69] Ibid.

[70] Deciza 22 ta' Settembru, 2016 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

u mit-tielet imputazzjoni, din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-kumplament salv li fir-rigward tar-raba imputazzjoni, qed tinstab htija biss in kwantu giet kommessa offiza hafifa involontarja, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta, qed taghmel ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlettin xahar millum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel ma sar l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Finalment a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Pierre u Marita Bonnici ghal zmien tlett (3) snin millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**